**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 74/2023 RM**

**Andrea Lombardi u Anna Lombardi Cassar f'isimhom proprju u kif ukoll bħala eżerċenti tal-kummerċ magħruf bħala *Luna Blu Farmhouse (Gozo)***

**-Vs-**

**Antoinette Cauchi**

**Illum, 8 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-atturi, Andrea Lombardi u Anna Lombardi Cassar, fir-Reġistru fis-17 ta' Marzu 2023 fejn talbu illi prevja dikjarazjzoni illi (a) il-kumment datat 19 ta' Settembru 2022 huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-atturi, u għandhom bħala skop li jtellfu, inaqqsu u jikawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess atturi, jiġu ordnati jħallsu lill-atturi dik is-somma likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-atturi huma sidien ta' *farmhouse* f'Għawdex, magħrufa bħala 'Luna Blu' fl-indirizz 110, Mandolina, Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex. Huma jikru din il-*farmhouse* fuq bażi ta' *short let*, ġeneralment fil-jiem tas-sajf.

Ġara illi ċertu Neil Azzopardi kien avviċina lill-atturi minn fuq *Facebook* sabiex jibbookja xi ġranet f'din il-*farmhouse*. L-aturi aċċettaw u b'hekk iffirmaw skrittura sabiex is-Sur Azzopardi jikri din il-*farmhouse* bejn is-7 u t-12 ta' Settembru tal-2022. Is-Sur Azzopardi kien informa lill-atturi illi kien se jkollu xi nies (u pet) oħra miegħu – inkluż il-konvenuta Antoinette Cauchi.

Wara li għaddew dawn il-ġranet, is-Sur Azzopardi u l-konvenuta bagħatu xi messaġġi (b'lingwaġġ il' bogħod minn xieraq) f'forma ta' theddid lill-atturi dwar is-servizz u l-*farmhouse* innifisha. L-atturi għamlu minn kollox biex jikkalmaw is-sitwazzjoni, jaraw x'mar ħazin, u x'jistgħu jagħmlu dwar dan. Biss, Azzopardi u l-konvenuta ma riedux jisimgħu, u minflok komplew jibgħatu dawn il-messaġġi lill-atturi. Eventwalment, imbagħad, il-konvenuta ippublikat il-kumment u l-*Facebook post* li l-atturi qegħdin jilmentaw dwarhom, liema dikjarazzjonijiet saru bl-intiża ovvja illi l-konvenuta tagħmel ħsara lr-reputazzjoni tal-atturi.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta ppreżentat fir-Reġistru fit-2 ta' Mejju 2023, fejn ġie eċċepit:-

*"1) Illi l-post lamentata mhumiex libelluzi u malafamanti ai termini tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2) Illi l-azzjoni intentata fil-konfront tal-esponenti ma tistax tirnexxi stante li:*

*i) Kienu l-aturi li aġixxew b'mod sleali u skorrett għall-aħħar fil-konfront tal-esponenti meta approprjaw ruħhom mid-depożitu imħallas mill-intimata in konnessjoni mal-kirja de quo. Tant hu hekk illi eventwalment dan id-depożitu ġie rilaxxat lill-esponenti. Illi kwindi dak li minnu qed jiġi ilmentat fil-posts huwa sostanzjalment veru;*

*ii) Ill l-atturi u l-kummerċ minnhom eżerċitat ma soffrajew ser isofri ebda telf finanzjarju serju, tant illi l-istess lanqas ġie premess fl-azzjoni intentata minnhom;*

*iii) Illi l-elementi maħsuba fil-Kap 579 mhumiex sodisfatti fil-każ inkwistjoni.*

3) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in ogni każ l-atturi għandhom jippruvaw li huma għamlu minn kollox biex jimminimizzaw l-allegati ħsara;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra permessibbli fil-liġi"*

Rat id-digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2023 fejn għall-fini tal-artikolu 10 tal-Kap. 579 qieset li kien hemm prospett fattibbli li jintlaħaq ftehim bonarju bejn il-partijiet u ordnathom jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni;

Rat id-digriet tagħha mogħti fil-25 ta' Settembru 2023 fejn irrevokat *contrario imperio* l-ordni tagħha tat-3 ta' Mejju 2023 stante illi baqa' ma ntlaħaqx ftehim bejn il-partijiet, u ordnat li l-kawża tissokta bis-smigħ tal-provi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. L-atturi, Andrea Lombardi u Anna Lombardi Cassar ħassewhom aggravati b'*posts* identiċi li ġew ippubblikati fid-19 ta' Settembru 2022, wieħed bħala kumment ta' ċertu Diann Ley fuq il-paġna fuq Facebook bl-isem '*Second Hand items for Sale (Malta and Free*

*Items*'[1], u l-ieħor ukoll kumment tal-istess Diann Ley fuq il-paġna tal-Facebook bl-isem '*Rent an Apartment/Flat to Let/ Share a Room in Malta*'[2]. F'dawn il-*posts* hemm miktub:-

"*I wouldnt recommend this as its all fake advertising, and the claimed owners lie about damages in order to steal from clients the deposit money. people be aware do not trust them i have proof as i was all the time taking videos and the damages they mentioned all show in the first day we were there!!!!! for sure its a court case with all my proof!!*
*you should be ashamed!!!!! Theives!!!!!! soon you ll get what you deserve and i will proudly PUBLISH everything"*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi mhux kontestat li l-isem Diann Ley huwa l-isem tal-paġna fuq Facebook tal-konvenuta Antoinette Cauchi. Il-konvenuta taqbel ukoll li l-l-*posts* fuq Facebook impunjati f'din il-kawża ġew ippubblikati mill-paġna tagħha stess iżda tikkontendi li kien Neil Azzopardi li kien ippubblika dawn il-kummenti billi kellu aċċess għall-kont tagħha fiż-żmien tal-pubblikazzjoni.

**Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi** jirriżulta illi l-atturi huma sidien ta' proprjeta' ossia farmhouse ġewwa Sannat, Għawdex, liema farmhouse, bl-isem 'Luna Blu', kien jinkera fuq *short lets*. Bejn is-7 ta' Settembru u t-12 ta' Settembru 2022 il-farmhouse kien inkera lil Neil Azzopardi u l-konvenuta li dak iż-żmien kienet is-sieħba tiegħu. Neil Azzopardi kien iffirma l-kuntratt tal-kirja kif ukoll ħallas depożitu biex jagħmel tajjeb għal xi ħsarat eventwali fis-somma ta' €200. Fl-aħħar ġurnata tal-kirja, l-inkwilini talbu biex iqattgħu ftit ġranet oħra fil-farmhouse u għalkemm l-atturi ma setgħux jakkomodawh fil-farmhouse tagħhom, kienu sabulu appartament ġewwa Xlendi, proprjeta' ta' ħabiba tagħhom. L-attriċi kienet ġabret il-kera kif ukoll id-depożitu għad-danni fis-somma ta' €80 mingħand l-inkwilini għan-nom tal-ħabiba

[1] Dok. A.
[2] Dok. B.

tagħha u kienet akkumpanjathom f'dan l-appartament qabel ma kienet marret tnaddaf il-farmhouse.

Meta dakinhar stess, 12 ta' Settembru 2022, l-atturi marru jnaddfu l-farmhouse biex jakkomodaw l-inkwilini l-ġodda li kellhom jidħlu fih minnufih wara, sabu xi ħsarat li huma allegaw li ġew ikkaġunati mill-konvenuta u Neil Azzopardi u l-kelb tagħhom. Kienu bagħtu ritratti tal-ħsarat lil Neil Azzopardi li min-naħa tiegħu kien ċaħad li kien għamel xi ħsarat. L-atturi kienu infurmaw lis-sid tal-appartament tax-Xlendi bil-ħsarat li kienu sabu fil-farmhouse u qalulha biex ukoll toqgħod attenta għal xi ħsarat.

Fid-19 ta' Settembru 2022 Anna Lombardi rċeviet messaġġi mingħand 'Diann' b'ħafna kliem ħażin u theddid u l-għada saret taf b'kumment u *post* li ġie pubblikat fl-istess data minn 'Diann Ley' fuq il-grupp fuq Facebook bl-isem '*Rent an Apartment / Flat to Let / Share a Room in Malta*'[3]. Sabet ukoll l-istess kumment ippubblikat taħt ir-reklam li kienet għamlet fuq paġna oħra fuq Facebook bl-isem '*Second Hand items for Sale (Malta) and Free Items*' (Dok. A).

Fl-20 ta' Settembru 2022, wara li kienu rċevew messaġġi fuq WhatsApp mingħand il-konvenuta (Dok. D) u wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmija *posts* fuq Facebook, l-atturi kienu rrifondew lil Neil Azzopardi d-depożitu sħiħ li kien ħallas mingħajr ma għamlu ebda tnaqqis u rrifondewlu wkoll id-depożitu li kienu rċevew għan-nom tas-sid tal-appartament tax-Xlendi.

Iktar tard, fil-mori tas-smigħ tal-kawża, l-atturi saru jafu li l-istess *post* kien ġie pubblikat ukoll fuq diversi paġni oħrajn fuq Facebook, fosthom '*Are you being Served? (Rubs of Moira and Francesca's The Original)*', '*Min Ipartat u min Ibiegħ!*' u '*Classified Malta*'.

[3] Dok. B mehmuż mar-Rikors promotur.

**L-atturi xehdu** illi kuntrarjament għal dak li ġie pubblikat mill-konvenuta, huma qatt ma serqu lil ħadd[4] u dejjem ittrattaw il-klijenti li jikru l-farmhouse bir-rispett u professjonalita' u ħadu "*xokk kbir*"[5] bil-kummenti li ġew ippubblikati dwarhom. L-attriċi Anna Lombardi Cassar ħassitha wkoll imwerwra minħabba t-theddid tal-konvenuta fil-messaġġ li bagħtet fuq Whatsapp. Saħqu illi għalkemm kienu sabu diversi ħsarat fil-proprjeta', huma kienu rrifondew id-depożitu għall-ħsarat li kienu rċevew mingħand il-konvenuta u Neil Azzopardi għaliex kienu ħassewhom mhedda u rikattati bil-messaġġi li kienu rċevew mingħandhom u bil-pubblikazzjonijiet li saru fuq Facebook, u għall-istess raġuni kienu rrifondewlhom ukoll id-depożitu għall-ħsarat li kienu ġabru għan-nom tas-sid tal-appartament ġewwa x-Xlendi.

L-atturi xehdu wkoll illi minħabba l-esperjenza ħażina li għaddew minnha minħabba l-messaġġi ta' theddid li kienu rċevew mingħand il-konvenuta u l-*posts* li ġew ippubblikati minnha fuq diversi paġni fuq Facebook fejn kienu jirreklamaw il-farmhouse għall-kiri, kienu ddeċidew li jieqfu jikru l-farmhouse *short-lets* u minflok bdew jikruh biss fuq *long lets*, anke biex jevitaw li jerġa' jkollhom l-inkwiet li ta' spiss iġibu magħhom *short lets* fejn ikun hemm inqas kontroll għaliex l-inkwilini ma tkunx taf min huma. Ilmentaw illi peress li l-farmhouse illum qed tinkera għal perijodi twal, ma jistgħux igawdu l-proprjeta' kif kienu qabel meta jkun mikri għal perijodi qosra biss.

Saħqu wkoll li sad-19 ta' Ottubru 2023 il-kumment tal-konvenuta kien għadu jidher fuq il-paġna fuq Facebook '*Min Ipartat u Min Ibiegħ (Property)*'.

**Il-konvenuta, Antoinette Cauchi**, xehdet illi dak iż-żmien kienet f'relazzjoni ma' Neil Azzopardi u taf illi Anna Lombardi kienet ċemplitlu dwar xi ħsarat li kienet qiegħda tallega li kienu għamlulha fil-farmhouse. Ma semgħet xejn iżjed dwar il-ħsarat sakemm, wara li waslu lura Malta mill-btala f'Għawdex u pprovat tiġbor lura d-depożitu għall-ħsarat li kienet ħallset lil Anna Lombardi għall-appartament ġewwa x-

[4] Fir-rigward ipproduċew iċ-ċertifikat tal-kondotta rispettiva tagħhom (Dok. C1 u Dok. C2).
[5] Affidavit ta' Anna Lombardi Cassar.

Xlendi, bdiet tallega li kienu kissrulha wkoll il-ħadida tal-mogħdija li mhux minnu, tant illi Neil kien irċieva lura l-flus tad-depożitu. Il-konvenuta tiċħad li kienet ippubblikat hi stess il-*posts* malafamanti fuq Facebook u saħqet illi dawn ġew ippubblikati x'aktarx minn Neil Azzopardi mingħajr ma kien qalilha dwarhom. Fissret li meta kienu għadhom f'relazzjoni, Neil kellu aċċess għall-kont tagħha fuq Facebook għaliex dan kien jitħalla miftuħ. Ċaħdet li kienu għamlu xi ħsara fil-proprjeta' tal-atturi u saħqet li dak inkiteb fil-*posts* impunjati huwa minnu.

Il-konvenuta xehdet illi meta saret taf bil-pubblikazzjoni fuq il-paġna '*Are you Being Served?*', ma kienetx ħassritha mill-ewwel għaliex jittellgħu *posts* kontinwament fuq din il-paġna u għalhekk dawn jintilfu mill-ewwel. Iżda kienet ħassritu ftit wara li kienet infetħet din il-kawża u kienet ħassret ukoll xi *posts* oħrajn li kienet sabet fuq paġni oħrajn fuq Facebook, għalkemm wħud minnhom kienu diġa' laħqu ġew imħassrin minn ħaddieħor.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-element tal-pubblikazzjoni huwa ppruvat limitatament fir-rigward tal-*posts* ippubblikati minn Diann Ley fuq Facebook fuq il-paġna '*Second Hand Items For Sale (Malta) and Free Items*' (Dok. A) u l-paġna '*Rent an Apartment/Flat to Let/Share a Room in Malta*' (Dok. B) u mhux ukoll fir-rigward tas-serje ta' messaġġi li ntbagħtu minn 'Diann' lill-attriċi Anna Lombardi Cassar (Dok. D, paġni 6, 7 u 8 tal-atti tal-kawża). Dan qed jingħad għaliex filwaqt li huwa ppruvat illi l-paġni fuq Facebook fuq imsemmija jikkonsistu f'*public groups* li huma aċċessibbli lil kull min għandu profil fuq Facebook u għandhom iktar minn 70,000 membru kull wieħed, il-provi juru li l-messaġġi li ntbagħtu min-numru 99548271 intbagħtu lil Anna Lombardi Cassar biss, mingħajr ma ġie muri wkoll li kienu aċċessibbli lil persuna jew persuni oħrajn, illi ġew ukoll ippubblikati fuq *medium* aċċessibbli għal persuni oħrajn, jew li kienu intiżi għall-pubblikazzjoni.

Għalhekk l-istħarrig tal-Qorti sejjer jiġi limitat għal (i) pubblikazzjoni li saret in konnessjoni mar-reklam tal-atturi fuq il-paġna fuq Facebook '*Second Hand Items For Free (Malta) and Free Items*'[6] u (ii) il-pubblikazzjoni tal-kumment fuq il-paġna fuq Facebook '*Rent an Apartment/Flat to Let/Share a Room in Malta*'[7], iżda mhux ukoll għall-messaġġi msemmija fir-Rikors promotur (Dok. C u Dok. D).

Għandu jingħad ukoll, kif del resto ġie ritenut konsistentement minn din il-Qorti, illi f'azzjoni għal malafama, il-malafama għandha tiġi identifikata u impunjata espressament fl-att promotur tal-azzjoni, u pubblikazzjonijiet oħrajn li m'humiex imsemmija speċifikatament fit-talba ma jistgħux ikunu fil-mira tal-istħarriġ ġudizzjarju dwar l-allegat malafama. Konformement, mhux permessibbli għall-persuna aggravata li matul il-kors tal-proċeduri tipprova timpunja pubblikazzjonijiet oħrajn mhux imsemmija espressament fir-Rikors promotur u li ma jkunux ġew identifikati u impunjati bħala libellużi, u ma jifformawx parti mit-talba. Dan qed jingħad ukoll għaliex matul is-smigħ tal-provi, l-atturi ressqu wkoll bħala prova diversi pubblikazzjonijiet li wkoll saru minn 'Diann Ley' fid-19 ta' Settembru 2022 fuq paġni oħrajn fuq Facebook[8] b'żieda ma' dawk li ġew impunjati speċifikatament fir-Rikors promotur.

Il-Qorti tqis ukoll illi ma ġiex sodisfaċjentement ippruvat mill-konvenuta illi l-*posts* fuq Facebook, impunjati f'din il-kawża, ma ġewx ippubblikati minnha iżda minn Neil Azzopardi. Neil Azzopardi, li skont il-konvenuta kien l-awtur ta' dawn il-*posts*, ma ġiex prodott sabiex jixhed quddiem il-Qorti biex jikkonferma dan u fi kwalsiasi każ, il-fatt illi l-*posts* ġew ippubblikati minn profil fuq Facebook li *ex admissis* tappartjeni lill-konvenuta 'Diann Ley', ifisser li hija kellha kontroll editorjali fuq il-*posts* li jiġu pubblikati mill-imsemmi profil. Kemm hu hekk, il-konvenuta stqarret li kienet neħħiet hija stess il-*post* li kien ġie pubblikat fuq il-paġna fuq Facebook '*Are you*

---

[6] Imsemmi f'paragrafu (a) tar-Rikors promotur – Dok. A.
[7] Imsemmi f'paragrafu (b) tar-Rikors promotur – Dok. B
[8] 'Are you being Served? (Rubs of Moira and Francesca's The Original), 'Rent an Apartment/Flat to Let / Share a Room in Malta', 'Min Ipartat u min Ibiegħ!' u 'Classified Malta', (Dok. ALC6, ALC7, ALC8 u ALC9, rispettivament) liema pubblikazzjonijiet, għalkemm kienu saru fid-19 ta' Settembru 2022, l-atturi saru jafu bihom biss matul is-smigħ tal-kawża odjerna.

*Being Served*'. Konsegwentement, għall-fini tal-artikolu 3(3) tal-Att, il-konvenuta għandha f'kull każ titqies bħala l-editur tal-pubblikazzjoni allegatament malafamanti.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll, inċidentalment, illi l-konvenuta baqgħet qatt ma ċaħdet li l-messaġġ li ntbagħat minn 'Diann' min-numru 99548271 lill-attriċi Anna Lombardi Cassar fuq Whatsapp, mimli theddid, insulti u kliem vulgari (Dok. D), intbagħat minnha u ma ċaħditx lanqas illi l-imsemmi numru jappartjeni lilha[9] u għalhekk, fi kwalsiasi każ, ma tqisx li l-verżjoni tal-konvenuta li ma kienetx l-awtriċi tal-*posts* ippubblikati fuq Facebook, bħala veritiera u lanqas verosimili.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi ħassew ruħhom malafamati bil-pubblikazzjoni ta' *post* minn 'Diann Ley' fid-19 ta' Settembru 2022 fuq diversi paġni fuq Facebook. Kif stabbilit diġa', il-profil bl-isem 'Diann Ley' huwa l-profil fuq Facebook tal-konvenuta Antoinette Cauchi.

Illi biex l-azzjoni għal malafama tirnexxi, il-persuna aggravata għandha qabel xejn tipprova illi l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrijiet impunjati, huma diffamatorji fir-rigward tagħha. Il-prova tar-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, hi fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama u l-Att jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Il-Qorti tqis ukoll li l-kriterju tal-ħsara sejra lir-reputazzjoni, billi hija determinanti għall-azzjonabbilita' tal-malafama, għandu jiġi mistħarreġ qabel kull materja oħra u anke mill-Qorti *sponte sua*.

Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi fosthom tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, għall-

[9] Ara fir-rigward, rapport tal-okkorrenza Dok. RG1 u l-aġġornament magħmul minn PC 124 fit-13 ta' Novembru 2022, paġna 73 tal-atti tal-kawża.

azzjonabbilita` tal-allegat malafama, l-Att jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248) u dan sabiex jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, in tema tal-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act 2013 (l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku) għall-azzjonabbilita' tal-malafama, ingħad hekk:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred.* ***This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.***[10] (enfasi ta' din il-Qorti)

Dan ifisser li bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju f'każ ta' korp li jopera għall-qligħ) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss <u>in-natura diffamatorja</u> tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll <u>l-impatt negattiv</u> ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit <u>biss</u> b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke

[10] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.

permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[11].

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[12]

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk, applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi hijiex sodisfatta bil-prova li l-imputazzjoni mnissla mill-istqarrija, fiha tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv, jekk il-pubblikazzjoni kellhiex impatt jew tendenza ta' ħsara lir-reputazzjoni tagħhom jew xi ħadd minnhom.

Fil-fehma tal-Qorti, id-dikjarazzjoni "*the claimed owners lie about damages in order to steal from the clients the deposit money*", il-kelma "*thieves!!!*" u l-istqarrija li s-sidien tal-proprjeta' 'Luna Blu' m'humiex persuni affidabbli, għandhom tifsira inerentement diffamatorja u fl-assjem tagħhom dawn l-istqarrijiet iwasslu imputazzjoni li hija malafamanti. Magħdud dan il-fatt illi ġie ppruvat illi l-*posts* li ġew ippubblikati fuq diversi paġni fuq Facebook li wħud minnhom huma *public groups* u lkoll huma aċċessibbli lil għexieren ta' eluf ta' membri[13].

---

[11] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.

[12] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

[13] Skont ix-xhieda ta' Paul Vincenti, fis-sena 2022, il-grupp 'Classified Malta' kellu ċirka 17,000 membru, filwaqt li 'Are you Being Served? (Rubs of Moira and Francesca's The Original) għandu 118,900 membru, il-grupp 'Rent an Apartment/Flat to Let/Share' huwa public group li fih 88,700 membru, u 'Min Ipartat u Min Ibiegħ! (Property)' huwa public group li fih 40,700 membru.

Dan kollu magħdud huwa biżżejjed għall-prova tal-element diffamatorju tal-pubblikazzjoni impunjata, għaliex iż-żewġ kriterji tan-natura diffamatorja tal-kliem jew it-tifsira tal-kliem, u l-impatt ta' ħsara serja, kif ġie mfisser iktar qabel, ġew sodisfatti.

Madankollu, stabbilita n-natura diffamatorja tal-pubblikazzjoni fiha nnifisha, jinħtieġ ukoll il-prova li tassew din hija diffamatorja għall-persuni aggravati, ċioe' l-atturi Anna Lombardi Cassar u Andrea Lombardi. Fil-fatt, il-konvenuta fil-paragrafu 1 u l-paragrafu 2(iii) tar-Risposta tagħha, teċċepixxi li ma humiex sodisfatti l-elementi rikjesti għall-prova tal-malafama skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579).

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi ma jissemmew mkien b'isimhom fil-pubblikazzjoni impunjata (Dok. A)[14], liema pubblikazzjoni tirriferi biss għal "*the claimed owners*" tal-proprjeta' li tinsab reklamata fuq il-paġna fuq Facebook bħala 'farmhouse' bl-isem Luna Blu. Huwa minnu li fir-reklam ġew ipprovduti żewġ numri tal-linja ta' mobile phone, 77023931 u 77160501, biex isir kuntatt fuqhom għal iktar informazzjoni dwar il-kiri tal-istess proprjeta'. Iżda l-atturi ma ġabu ebda prova li n-numri msemmija huma n-numri tal-mobile phones tagħhom u ma jirriżulta minn imkien mill-provi illi dawn in-numri huma marbutin magħhom personalment.

Fuq kollox, ma nġabitx prova li r-reklam fih xi hyperlink jew mezz ieħor li jagħti aċċess dirett għal xi paġna, profil jew sit elettroniku ieħor li fihom l-atturi jinsabu identifikati b'isimhom, b'mod li l-qarrej tal-*post* li ġie ppubblikat mill-konvenuta 'Diann Ley' b'rabta mar-reklam ta' 'Luna Blu', jista' jassoċja mingħajr wisq sforz, l-istqarrijiet malafamanti li saru fil-konfront tal-"*claimed owners*" tal-proprjeta' bl-isem 'Luna Blu', mal-atturi jew xi ħadd minnhom.

---

[14] Paġna fuq Facebook 'Second Hand Items for Sale (Malta) and Free Items, 19 ta' Settembru 2022.

L-istess osservazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-pubblikazzjoni tal-*post* tal-konvenuta fuq '*Rent an Apartment/Flat to Let / Share a Room in Malta*', liema pubblikazzjoni tikkonsisti biss fl-istess kumment ossia *post* li kien ġie pubblikat taħt ir-reklam għall-kiri tal-farmhouse 'Luna Blu' fuq il-paġna fuq Facebook '*Second Hand Items for sale (Malta) and Free Items*', b'ritratt ta' pixxina u l-isem 'Luna Blu' u xejn iktar, wisq inqas xi informazzjoni li tista' torbot lill-atturi mal-proprjeta' bl-isem Luna Blu.

Għalkemm kif ingħad diġa', il-pubblikazzjonijiet fuq paġni oħrajn fuq Facebook li l-atturi saru jafu bihom biss matul is-smigħ tal-kawża odjerna, fosthom '*Are you being Served? (Rubs of Moira and Francesca's The Original), 'Min Ipartat u min Ibiegħ!*' u '*Classified Malta*', ma humiex qed jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet mertu tal-azzjoni, dawn jibqgħu xorta waħda rilevanti okkorrendo bħala prova għall-fini tal-identifikazzjoni tal-atturi bħala l-persuni fil-mira tal-istqarrijiet malafamanti. Dan qed jingħad għaliex dawn il-pubblikazzjonijiet saru fl-istess data, 19 ta' Settembru 2022 mill-istess konvenuta. Madankollu, dawn il-pubblikazzjonijiet addizzjonali jikkonsistu fl-istess *post* ossia kumment identiku li kien ġie pubblikat taħt ir-reklam għall-kiri tal-farmhouse 'Luna Blu' fuq il-paġna fuq Facebook '*Second Hand Items for sale (Malta) and Free Items*', b'ritratt tal-pixxina. Ma jirriżultax illi dawn il-pubblikazzjonijiet fihom xi riferenza għall-isem tal-atturi jew xi ħadd minnhom, jew xi tagħrif ieħor li jista' jidentifika lill-atturi jew jorbothom mal-proprjeta' bl-isem 'Luna Blu'. Fil-fatt, la hemm riferenza għal numru telefoniku u lanqas xi indirizz tal-posta elettronika f'dawn il-pubblikazzjonijiet.

Għandu jingħad illi l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata hi kundizzjoni essenzjali għall-azzjonabbilita' tal-malafama għaliex jekk il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett ta' dik il-pubblikazzjoni, u tiġi b'hekk eskluża l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni b'effett tal-pubblikazzjoni impunjata.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-

"***A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement****.* *The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.*"[15] (Enfasi tal-Qorti)

Ukoll:-

"*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to.*"[16]

Fejn għalhekk, il-persuna aggravata m'hijiex identifikata b'ebda mod mill-pubblikazzjoni nnifisha, hi essenzjali għall-azzjonabilita' tal-malafama, il-prova li li <u>persuna ordinarja u raġjonevoli</u> setgħet tidentifika lill-persuna aggravata bħala l-persuna li qed issir referenza għaliha fil-pubblikazzjoni.

Fil-każ in diżamina, il-pubblikazzjoni ma ssemmix lill-atturi jew xi ħadd minnhom b'ismu jew b'xi immaġini u kif diġa' ngħad, l-uniku tagħrif li jista' jitqies bħala ta' valur għall-fini ta' identifikazzjoni huwa żewġ numri ta' telefon ċellulari.

Skont Gatley:-

" [W]*here the claimant is referred to in an indirect way or by implication it will be a question of degree how far evidence will be required to connect the libel with him. At one extreme, if there is a libel on 'the Prime Minister' that officer does not need to produce witnesses to testify that they know who he is.* ***At the other extreme, the claimant may be only identifiable by reason of extraneous facts which are not***

---

[15]. Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.03, p. 106.
[16] Collins *ibid.*, 5.01, p. 105.

***generally known, in which case there is no actionable publication unless it is shown that the words were communicated to persons with such knowledge. <u>Even in the latter type of case, however, it is not enough that the recipients of the statement did understand it to refer to the claimant: the issue is whether reasonable people with their knowledge would so understand it.</u>***"[17] (enfasi tal-Qorti)

Konsegwentement, l-atturi kien jeħtiġilhom iressqu prova li kien hemm persuni oħrajn, b'żieda mal-atturi nfushom, li kienu jafu li s-sidien tal-proprjeta' li kienu qed jiġu indirizzati fil-kumment ippubblikat mill-konvenuta fuq iż-żewġ paġni fuq Facebook, huma l-atturi Andrea Lombardi u Anna Cassar Lombardi, u li dawn il-persuni attwalment identfikawhom direttament jew permezz ta' inferenza li tinsilet mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, bħala l-persuni fil-mira tal-istqarrijiet impunjati fil-pubblikazzjoni. Fin-nuqqas, l-istqarrijiet ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji għaliex kif rajna, min mhux identifikat ma jista' qatt isofri ħsara lir-reputazzjoni tiegħu, wisq inqas ħsara li hija serja.

Huwa minnu illi l-atturi ressqu bħala xhud lil Marylene Cassar, in-neputija tal-attriċi, li xehdet illi kienet għarfet il-farmhouse li ġie deskritt fil-*post* fuq il-paġna fuq Facebook '*Rent and Apartment/Flat to Let/Share a Room in Malta*' (Dok. MC1, li huwa l-istess pubblikazzjoni bħal Dok. B mehmuż mar-Rikors) bħala lill-farmhouse taz-zija tagħha l-attriċi Anna Lombardi Cassar u żewġha Andrea Lombardi.

Iżda kif rajna, għall-prova tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni meta m'hijiex identifikata b'isimha[18], jinħtieġ li jitressqu provi li jistabbilixxu li l-qarrej ordinarju u raġjonevoli tal-pubblikazzjoni seta' jidentifika lill-persuna aggravata bħala l-persuna fil-mira tal-istess pubblikazzjoni.

Fir-rigward, Gatley jgħid hekk:-

---

[17] Gatley, *ibid*. 7.3 p 267.

[18] "*Where a person is referred to by name in a defamatory statement, he or she is identified to all those to whom the publication occurs. It is irrelevant that the recipients of the statement have no knowledge of the person.*" – Collins on Defamation, 2014 Ed. 5.03, p. 106.

"*Where the libel does not ex facie refer to the claimant, ... extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant.* ***The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, <u>an ordinary reasonable person</u> would draw the inference that the words referred to the claimant***"[19] (enfasi tal-Qorti)

Fil-fehma tal-Qorti, din il-prova ma ntlaħqitx mill-atturi. Il-fatt illi Marylene, in-neputija tal-atturi, għarfet il-farmhouse imsemmija fil-pubblikazzjoni impunjata, bħala l-proprjeta' tal-atturi, m'huwiex biżżejjed għall-prova li <u>persuna ordinarja u raġjonevoli</u> kien jidentifikahom bħala s-sidien ta' Luna Blu Farmhouse u n-negozju eżerċitat b'dak l-isem. Wara kollox, Marylene Cassar imkien ma fissret fix-xhieda tagħha kif rabtet il-pubblikazzjoni mal-atturi; fatt li allura jwassal lill-Qorti tikkonkludi li l-identifikazzjoni magħmula minnha saret biss minħabba r-rabtiet familjari tagħha mal-atturi. Iżda dan ma jfissirx li l-qarrej <u>ordinarju</u>, mhux neċessarjament qarib tal-atturi, ukoll kien jidentifika lill-atturi fil-pubblikazzjoni. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-inferenza tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata hi waħda <u>raġjonevoli</u>, ċioe' li persuni ordinarji, mill-pubblikazzjoni jew armati b'għarfien dwar il-fatti speċjali, setgħu jinferixxu raġjonevolment u mingħajr sforz żejjed li l-istqarrija impunjata tista' tikkonċerna lill-persuna aggravata.

**Applikat dan għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis li mhux biżżejjed il-prova li xi membru tal-familja tal-atturi identifikahom fil-pubblikazzjoni**, u kienet meħtieġa l-prova tax-xhieda ta' persuni oħrajn li raw il-pubblikazzjoni u identifikaw lill-atturi fiha għaliex għarfu r-ritratti jew l-isem tal-'farmhouse' bħala 'farmhouse' di proprjeta' tal-atturi, jew għaliex jafu n-numru tat-telefon ċellulari bħala wieħed assoċjat mal-atturi, jew minħabba xi għarfien ieħor estranju għall-pubblikazzjoni. Fil-fatt, mhu riskontrabbli mill-provi ebda fatt li jwassal lill-qarrej ordinarju jinferixxi li hija raġjonevoli l-konklużjoni li l-atturi huma identifikati bħala l-persuni fil-mira tal-*posts* ippubblikati mill-konvenuta jew li dan il-*posts* jikkonċernaw lilhom.

[19] Gatley, Second supplement to the 12th edition, ibid. 7.3, p. 66

Minn dan kollu jikkonsegwi li l-istqarrijiet impunjati mill-atturi fiż-żewġ pubblikazzjonijiet mertu tal-azzjoni, ma jistgħu qatt jitqiesu li huma malafamanti għalihom u li jikkaġunawlhom ħsara serja lir-reputazzjoni u f'dan is-sens l-eċċezzjoni enumerata 2(iii) fir-Risposta tal-konvenuta hija tajba u f'lokha. Għaldaqstant, billi ġie stabbilit ukoll li ma l-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi, Anna Lombardi Cassar u Andrea Lombardi, ma ġiex sodisfatt, mhux meħtieġ li jiġu trattati l-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati fir-Risposta tal-konvenuta.

Għall-kompletezza l-Qorti żżid tosserva illi filwaqt li huwa minnu li l-atturi ressqu l-azzjoni odjerna mhux biss f'isimhom proprju iżda wkoll bħala persuni li jeżerċitaw il-kummerċ taħt l-isem Luna Blu Farmhouse, hija fehmet li dan in-negozju mhux eżerċitat minn xi korp jew entita' li għandha personalita' legali separata u distina iżda mill-atturi f'isimhom proprju, u fehmet ukoll li l-isem 'Luna Blu Farmhouse(Gozo) huwa biss l-isem tan-negozju operat milll-atturi. Konformement, u f'kull każ, il-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni kellha ssir fir-rigward tar-reputazzjoni tal-atturi nfushom, mhux ir-reputazzjoni tan-negozju bl-isem 'Luna Blu Farmhouse', liema m'huwiex persuna naturali u għaldaqstant, ma jistax isofri ħsara lir-reputazzjoni.

Barra minn hekk, billi n-negozju 'Luna Blu Farmhouse' m'huwiex eżerċitat minn 'korp li jopera għal profitt' fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(4) tal-Att, l-atturi ma kienux obbligati li jressqu prova ta' telf finanzjarju serju biex jistabbilixxu n-natura diffamatorja tal-pubblikazzjonijiet impunjati għaliex il-kriterju li kellu jiġi sodisfatt għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama fil-każ odjern huwa dak tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi nfushom, *de proprio*. Kriterju li madankollu, kif rajna diġa', ma ġiex sodisfatt minħabba n-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-atturi personalment fil-pubblikazzjonijiet impunjati u konswegentement, in-nuqqas tal-prova ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom stess. F'dan is-sens, allura, l-eċċezzjoni fil-paragafu 2(ii) fir-Risposta tal-konvenuta m'hijiex f'lokha.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2(iii) fir-Risposta tal-konvenuta biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad**

**it-talba tal-atturi Andrea Lombardi u Anna Lombardi Cassar fir-Rikors tagħhom, bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess atturi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**